**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

***Fl-atti tar-Riferenza bin-numru 444/2024 MS wara d-dikriet mogħti mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Ġunju 2024 fl-atti tar-rikors ta' Glenn Buhagiar u Jasmina Buhagiar għar-revoka tal-ordni ta' qbid u iffriżar maħruġ fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet:***

***Ir-Repubblika ta' Malta***

***Vs.***

***Glenn Buhagiar u Jasmina Buhagiar***

Illum, 11 t'April, 2025

Kawża Numru: 2 Kost

1. B'dikriet mogħti fis-27 ta' Ġunju 2024, il-Qorti Kriminali ordnat: «*... li għandu jkun hemm referenza għall-konsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, u b'hekk sejra tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u dan sabiex jiġi deċiż jekk jekk:-*

*1. L-Artikolu 36(8)(2) tal-kap 621 tal-liġijiet ta' Malta joffrix rimedju effettiv lil persuna affettwata b'Ordni ta' Qbid u Iffriżar in kwantu l-perijodu ta' sebat ijiem mogħti sabiex tiġi kunsidrata l-imsemmija Ordni ta' Qbid u Friżar humiex suffiċjenti sabiex tiġi evalwata u kontestata l-imsemmija Ordni.*

*2. Jekk il-Qorti Kriminali tistax tissindika l-provi jew tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ u dan in linea ma' dak li ġie deċiż dwar il-materja fid-digriet fuq imsemmi fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs. Keith Schembri et</u>** deċiż nhar is-26 ta' Ġunju 2024 minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.*

*3. X'tip ta' riferenza għandu jkun hemm fir-rigward il-proċedura li għandha tiġi adoperata quddiem il-Qorti Kriminali dwar jekk hiex Qorti ta' Prim Istanza fejn tisma' provi ġodda jew dik ta' appell fejn ikun hemm biss reviżjoni. F'każ li l-Qorti Kriminali hija Qorti ta' Prim'Istanza allura l-leġislatur ma pprovda ebda dritt ta' appell minn tali Ordni ta' Friżar jew Qbid.*

*4. Jekk il-liġi kif inhi meta tipprovdi li l-Avukat Ġenerali jista' fi kwalsiasi stadju jitlob il-varjazzjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar fejn l-Ordni jista' jinbidel biex ikopri iktar assi minn meta ikun ħareġ oriġinarjament, l-istess liġi ma tipprovdi l-ebda jedd lill-persuna li qed tikkontesta tali Ordni li jappella minn tali varjazzjoni f'każ li tali talba tintlaqa.*

***<u>Tordna għalhekk illi t-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol imsemmi fl-artikolu 36 tal-Kap 621 mogħti lil din il-Qorti sabiex tiddetermina din il-vertenza jkun sospiż pendenti id-determinazzjoni tal-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali, b'dan illi matul l-imsemmija proċeduri l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar għandu jibqa' fuq saqajh</u>.***

2. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat (minn issa 'l quddiem «l-intimati») wieġbu għal din ir-riferenza fl-14 t'Ottubru 2024, billi qalu hekk:

> 1. Preliminarjament, ir-referenza kostituzzjonali in kwistjoni hi nulla billi ma tħarisx id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 5 tal-L.S. 12.09. Dan ir-regolament jagħmilha ċara li ordni ta' referenza għandu jkun fiha b'mod konċiż u ċar: il-fatti li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u d-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea" / "il-Konvenzjoni") li jkunu involuti. Huwa meħtieġ u mistenni li l-qorti riferenti timxi mar-Regolament 5 tar-Regoli dwar il-

Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09) sabiex il-qorti b'setgħat kostituzzjonali jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwistjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-qorti riferenti (ara **Il-Pulizija v. Anthony Seychell** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Mejju, 2005 u **Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) vs. Miloud Elforjani**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Mejju, 2022).

Fil-każ odjern, il-qorti referenti ma ndikatx liem huma dawk il-jeddijiet fundamentali li setgħu ġew, jew li jistgħu jiġu, miksura.

B'żieda ma' dan, ir-referenza tagħmel ukoll domandi dwar kif għandha tinterpreta l-liġi ordinarja u kif proċeduralment għandha tistrada l-materja miġjuba quddiemha. Dawn huma affarijiet li din l-Onorabbli Qorti ma hiex mistennija li tagħmel.

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrimanda lura l-atti sal-qorti referenti sabiex terġa' tikteb l-ordni ta' referenza mill-ġdid.

F'każ li din l-Onorabbli Qorti takkorda din l-eċċezzjoni, l-esponenti qegħdin minn issa jirriżervaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri li jindirizzaw dak li jista' jiġi indikat mill-qorti referenti.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti josservaw li d-diversi domandi magħmula mill-qorti referenti effettivament ġew indirizzati (inkluż b'osservazzjonijiet *obiter dictum*) fil-proċeduri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et**.[1] Huwa konċess li dawk il-proċeduri huma soġġetti għall-appell, b'dan li sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali hi mistennija li tingħata fit-18 ta' Novembru, 2024.

   Huwa paċifiku li qorti għandha toqgħod kemm jista' jkun lura milli tagħmel referenza kostituzzjonali jekk quddiemha titqajjem kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħala tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-kwistjoni tkun diġà tqieset mill-ogħla qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha (ara **J.G. Systems Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010 u **Il-Pulizija v. Jean Piere Borġ** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Ottubru, 2016). Qorti ordinarjament ma għandiex tirreferi każijiet mill-ġdid lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kull darba li tqum quddiemha kwistjoni bħal dik, sakemm il-kwistjoni ma tkunx tqanqal xi punt ġdid.

   Ikun xieraq li l-qorti li quddiemha titqanqal il-kwistjoni tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar kwistjoni bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-qorti tkun qiegħda żżomm għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 25 ta' Lulju, 2024.

tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabbiliti mill-qorti kompetenti (ara **Il-Pulizija v. Pawlu Grech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Novembru, 2011).
F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, billi l-esponenti qegħdin jinsistu li l-atti jiġu rimandati lill-qorti referenti sabiex tottempera ruħha mar-Regolament 5 tal-L.S. 12.09, huma tal-fehma wkoll li l-qorti referenti għandha tingħata tiġi mistiedna tirregola l-pożizzjoni tagħha dwar il-ħtieġa tar-referenza kostituzzjonali in kwistjoni meta tingħata s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri surreferiti ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et**.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ser jippruvaw jindirizzaw mill-aħjar li jistgħu l-kwistjonijiet indikati mill-qorti referenti, *nonostante* li ma ġew indikati ebda artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. In kwantu għall-**ewwel kwistjoni**, kif sewwa ġie osservat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza surreferita ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et**, għalkemm it-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol mhux partikolarment twil, lanqas ma huwa terminu qasir iżżejjed. Fil-każ odjern, l-imputati mill-ewwel ikkontestaw il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u sussegwentement, ressqu rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn fissru sew l-argumenti tagħhom għala, fil-fehma tagħhom, il-Qorti tal-Maġistrati kienet skorretta meta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar mingħajr ma tagħmel eżami ta' xi provi. Dan huwa punt ta' dritt li l-imputati ma kellhom ebda diffikultà jressqu u għalhekk, it-termini applikabbli ċertament ma servew ta' ebda preġudizzju kontrihom.
Bl-istess mod, it-terminu mogħti lill-Qorti Kriminali sabiex tiddeċiedi din il-materja wkoll mhux ta' preġudizzju. Dan mhux l-uniku każ li l-Leġislatur rabat idejn il-Qorti b'termini riġidi, u dan għaliex ċerti kwistjonijiet għandhom jiġu deċiżi b'ħeffa partikolarment għax ikun fl-interess tal-partijiet li jiġri hekk. L-osservazzjonijiet magħmula minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza surreferita dwar l-effettività tar-rimedju huma applikabbli anke għall-każ odjern:
"61. Fi kliem ieħor, il-kompitu tal-Qorti Kriminali f'azzjoni taħt l-artikolu 36(8)(ii) tal-Att huwa li tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja, b'mod li jekk issib li dik il-Qorti ma mxietx skont il-liġi għaliex, per eżempju, ddeċidiet dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni mingħajr riferenza għal xi provi, mela allura hija għandha tirrevoka d-deċiżjoni għaliex ma tiħditx skont il-liġi, u tibgħat l-atti lura lill-Qorti Struttorja sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid konformement mal-liġi, u mhux tgħaddi biex tisma' dawn il-provi hi. Jekk, min-naħa l-oħra, l-Qorti Kriminali se taqbel mal-Qorti Struttorja li l-akkoljiment tal-Ordni seta' u kellu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ tal-provi, mela jkun inutili li r-rikorrenti jressqu l-provi quddiem il-Qorti Kriminali. Naturalment id-deċiżjoni dwar jekk il-Qorti Struttorja mxietx skont il-liġi hija waħda li tidħol interament

fid-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali, u li fiha m'għandhiex tindaħal din il-Qorti.
62. Ilment ieħor li ġie sollevat mir-rikorrenti u riferut lil din il-Qorti huwa li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, fejn il-kontestazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja ssir mill-Avukat Ġenerali, m'hemm ebda terminu li jorbot idejn il-Qorti dwar meta għandha tiddeċiedi dik il-kontestazzjoni. Anzi, f'dak il-każ il-liġi tipprevedi l-ħruġ ta' Ordni «temporanju» bl-istess effetti bħall-ordni proprju, li jibqa' fis-seħħ sakemm tiġi deċiża l-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrenti jgħidu li din id-differenza tivvjola l-prinċipju tal-parità tal-armi."
Dawn l-osservazzjonijiet (flimkien ma oħra magħmula fis-sentenza surreferita) huma applikabbli wkoll għat-**tieni u t-tielet kwistjonijiet** ventilati mill-qorti referenti, u l-esponenti ma għandhomx x'iżidu magħhom.

5. Finalment, in kwantu għar-**raba' kwistjoni**, ukoll bħal ma ġara fil-proċeduri ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et**, il-qorti referenti qed tilmenta fuq materja li ma avveratx ruħha. L-Avukat Ġenerali ma talbet għal ebda varjazzjoni u għalhekk, din il-parti tar-referenza tirrigwarda materja ipotetika li, jekk tiġi eżaminata minn din l-Onorabbli Qorti jissarraf biss f'eżerċizzju akkademiku. **Għalhekk biss, din il-parti tar-referenza għandha tiġi mwarrba**.
B'żieda ma' dan, f'proċeduri miġjuba *ai termini* tal-Artikolu 36(8)(i), huwa mħolli f'idejn il-Qorti Kriminali tiddetermina ż-żmien li għandha tieħu biex tiddeċiedi l-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali, u dan waħdu ma jfissirx li l-Avukat Ġenerali għandha opportunità aqwa mill-imputat biex iressaq il-kontestazzjoni tiegħu. Għalkemm hemm lok li jkun hemm vjolazzjoni jekk kontestazzjoni tibqa' mhux deċiża għal żmien eċċessiv, xejn minn dan ma seħħ fil-każ odjern.

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, jiġi mfakkar li l-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi lill-imputati diversi rimedji alternattivi sabiex itaffu l-effetti ta' ordni ta' ffriżar ossia varjazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 36(5), u dan biex jipprovdu għall-għejxien dicenti (Artikolu 36(5)(a)), biex ikunu jistgħu jkomplu bin-negozji tagħhom (Artikolu 36(b)(i)), biex iħallsu djun lil kredituri *in bona fede* (Artikolu 36(b)(ii)) u biex jittrasferixxu proprjetà mobbli jew immobbli li tista' tkun soġġetta għall-iffriżar (Artikolu 36(b)(iii)), liema rimedju jista' jigi utilizzat mid-Difiża fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

3. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Jannar 2025, din il-Qorti ddeċidiet «*...billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati biss sa fejn jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba'*

*domandi riferuti lil din il-Qorti bl-ordni magħmul mill-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ġunju 2024, iżda tiċħadha sa fejn jirrigwarda l-ewwel domanda hekk riferuta, u għalhekk tordna l-prosegwiment tas-smigħ tar-riferenza limitatament sa fejn jirrigwarda dik l-ewwel domanda*. *L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti*».

4. Sussegwentement għal din id-deċiżjoni, is-smigħ tar-riferenza ssokta fuq l-ewwel domanda biss riferuta mill-Qorti Kriminali, u ċjoè jekk «*L-Artikolu 36(8)(2) tal-kap 621 tal-liġijiet ta' Malta joffrix rimedju effettiv lil persuna affettwata b'Ordni ta' Qbid u Iffriżar in kwantu l-perijodu ta' sebat ijiem mogħti sabiex tiġi kunsidrata l-imsemmija Ordni ta' Qbid u Friżar humiex suffiċjenti sabiex tiġi evalwata u kontestata l-imsemmija Ordni*»*.*

5. Il-fatti tal-każ, sa fejn huma rilevanti għal din ir-riferenza, jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

   i. Glenn Buhagiar u Jasmina Buhagiar ġew mixlija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fil-5 ta' Ġunju 2024 b'diversi reati, fosthom ta' ħasil ta' flus. Dakinhar, il-Prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar (minn issa 'l quddiem «l-Ordni»), u dan għas-somma ta' €1,464,493.54 kull wieħed. Id-difiża talbet li jitressqu provi dwar l-ammont li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Ordni, liema talba ġiet opposta mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Ordni fl-ammont mitlub dakinhar stess;
   ii. B'rikors preżentat fil-11 ta' Ġunju 2024, l-akkużati Buhagiar talbu lill-Qorti Kriminali tirrevoka, b'mod sħiħ jew parzjali, l-Ordni. B'dikriet mogħti dakinhar stess, il-Qorti Kriminali ordnat in-notifika tiegħu lill-Avukat Ġenerali li kellu sebat ijiem utili għat-tweġiba;
   iii. L-Avukat Ġenerali wieġeb fl-20 ta' Ġunju 2024. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Ġunju 2024, il-Qorti Kriminali appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-26 ta' Ġunju 2024;
   iv. F'udjenza li nżammet fis-27 ta' Ġunju 2024, id-difiża talbet riferenza lil din il-Qorti. B'dikriet mogħti kameralment dakinhar stess, it-talba ntlaqgħet u r-riferenza saret fit-termini aktar qabel riprodotti.

6. Huwa opportun li qabel xejn tiġi ndirizzata t-tieni eċċezzjoni tal-intimati, li hija fis-sens illi d-domandi magħmula fir-riferenza ġew eventwalment imwieġba fil-proċeduri fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et***, u għalhekk m'għadx hemm utilità għall-proċeduri odjerni.

7. Huwa minnu li hija ġurisprudenza akkolta dik li żżomm li fejn titqajjem kwistjoni dwar drittijiet fundamentali quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mhux neċessarju li ssir riferenza fejn dik il-kwistjoni tkun diġà ġiet epurata mill-ogħla Qorti, u ċjoè mill-Qorti Kostituzzjonali. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Jean Pierre Borg*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 25 t'Ottubru 2016):

> ...fejn, quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, titqajjem 'kwestjoni' ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-'kwestjoni' tkun diġa' tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-'kwestjoni' ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li lQorti li quddiemha titqanqal il-'kwestjoni' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar 'kwestjoni' bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B'dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta' kawżi riferiti.

8. U kif intqal ukoll fid-deċiżjoni ***J. G. Systems Ltd vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** (Appell Inferjuri, 6 t'Ottubru 2010): «*Bid-dovut rispett tali obbjezzjoni ma timpressjonax wisq lil din il-Qorti għaliex huwa mbagħad dejjem utli li jiġi enfatikament imfakkar il-prinċipju superjuri li jimponi li sitwazzjonijiet ekwivalenti jiġu valutati b'mod ugwali, anke jekk si tratta minn liġijiet diversi, meta l-punt kontrovertit ikun l-istess jew jixxiebah. Forsi wkoll, aktar minn hekk, il-kriterju importantissimu illi fl-għażla bejn id-diversi tifsiriet ta' xi provvediment partikolari għandha dejjem tingħata prevalenza lil dik li l-Qorti Kostituzzjonali*

*tkun iddeterminat li għandha tkun it-tifsira l-aktar awtentika u konformi għall-prinċipju Kostituzzjonali u Konvenzjonali*».

9. B'danakollu, meta saret ir-riferenza odjerna ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwar is-suġġett tar-riferenza, lanqas fl-ewwel istanza, u għalhekk wieħed ma jistax ilum lill-Qorti Kriminali meta ddeċidiet li din ir-riferenza ssir, la darba sabet xkiel fil-prosegwiment tal-proċeduri li kellha quddiemha konsistenti minn kwistjoni ta' vjolazzjoni potenzjali ta' drittijiet fondamentali. U la darba r-riferenza saret, din il-Qorti m'għandhiex ħlief is-setgħa li tiddeċiedi dwarha (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi) vs. Carmel sive Charles Ellul Sullivan et***, Qorti Kostituzzjonali, 19 t'April 2012), la r-riferenza mhux tal-partijiet iżda tal-Qorti li għamlitha (ara f'dan is-sens ***Bank of Valletta plc vs. Joseph Attard et,*** Qorti Kostituzzjonali, 19 ta' Frar 2008), u għalhekk ma tistax tiġi rtirata minnhom.

10. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni hija miċħuda.

11. Ikkunsidrat il-meritu tal-ewwel domanda riferuta lil din il-Qorti, dan effettivament jirrigwarda t-terminu ta' sebat ijiem utili li skont l-artikolu 36(8)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità[2] (minn issa 'l quddiem «l-Att») fih il-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi talba għar-revoka ta' Ordni bħal dak maħruġ kontra l-akkużati Buhagiar. Dik id-dispożizzjoni fil-fatt tgħid hekk:

> Meta ordni skont is-subartikolu (1) jinħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat jista', fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti, jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn jitlob ir-revoka sħiħa jew parzjali tal-ordni, iżda l-ordni għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali għandha tagħti sebat (7) ijiem tax-xogħol lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur sabiex jirrispondu għat-talba tal-imputat. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fuq ir-rikors għandha tingħata fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol minn meta jiġu ppreżentati r-risposti jew minn meta jkun skada t-terminu għall-preżentata tagħhom.

[2] Kapitolu 621 tal-liġijiet ta' Malta.

12. Għalhekk id-domanda riferuta lil din il-Qorti tirrigwarda biss it-terminu li fih għandu jiġi deċiż ir-rikors għar-revoka tal-Ordni magħmul mill-akkużati, u ebda kwistjoni oħra. Huwa punt paċifiku li din il-Qorti hija marbuta mat-termini tar-riferenza u għalhekk ma tistax tidħol fi kwistjonijiet li ma humiex strettament kompriżi f'dik ir-riferenza (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi) vs. Carmel sive Charles Ellul Sullivan et***, Qorti Kostituzzjonali, 19 t'April 2012).

13. Huwa minnu li din il-kwistjoni kienet kompriża fost il-kwistjonijiet li kienu jifformaw il-meritu tal-proċeduri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et***, li ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Novembru 2024. Minħabba l-identiċità tal-punt in kwistjoni, huwa utili li ssir riferenza kopjuża għal dak miżmum f'din id-deċiżjoni:

> 69. Li l-liġi timponi terminu li fih qorti għandha tiddeċiedi kwistjoni, hu b'mod ġenerali xieraq. B'hekk jiġi evitat dewmien bla bżonn, tiżdied lefficjenza, u l-partijiet jafu minn qabel f'kemm żmien ser tinqata' lkwistjoni. Min-naħa l-oħra hemm każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' flessibilità minħabba inter alia n-natura tagħhom u n-numru ta' imputati. Kien ikun iktar floku li kieku pereżempju l-liġi tagħti l-opportunità lill-qorti li testendi t-terminu ta' sebat ijiem xogħol, u fl-istess waqt tagħti r-raġuni għalfejn għandha bżonn iktar żmien. Wara kollox fil-perjodu interim m'hemmx il-periklu li jintilef xi ġid, ġialadarba l-liġi tagħmilha ċara li l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tiddeċiedi. Sfortunatament, il-leġislatur poġġa l-każijiet kollha fl-istess keffa daqslikieku l-każijiet huma kollha l-istess meta mhumiex.
>
> 70. Mill-atti jirriżulta li l-Qorti Kriminali diġà tat digrieti dwar rikorsi simili ta' imputati oħra, li saru wkoll ai termini tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Kopja tad-digriet jinsabu fl-atti u minn fejn jidher li l-Qorti żammet matterminu ta' sebat ijiem xogħol u għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati b'referenza għat-talba għar-revoka. Dawn jinkludu li:
>
> i. Il-proċedura fl-art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621 m'hijex intiża bħala appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja li tkun laqgħet it-talba talprosekuzzjoni għall-ħrug tal-ordni; "*Dan għaliex minn imkien ma jirriżulta fil-liġi illi l-Qorti tal-Maġistrati hija tenuta tagħti xi motivazzjoni li tkun waslitha sabiex toħroġ l-Ordni*".
> ii. "*…. żgur li din il-Qorti ma tistax tidħol biex tissindika l-meritu tal-każ sabiex tiddetermina jekk it-talba tal-Prosekuzzjoni tkunx waħda ġustifikata, iktar u iktar meta l-*

*provi għadhom qed jiġu kkumpilati millQorti Istruttorja…… fejn diġa' hemm ippreżentat mill-Prosekuzzjoni il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti li jikkontjeni volumi sħaħ ta' evidenza, żgur illi d-determinazzjoni tat-talba tal-persuna mixlija bir-reat ma hijiex waħda li tista' tkun indirizzata kif qed tippretendi s-soċjeta rikorrenti b'analiżi ta' xi provi li jistgħu jindikaw x'seta' kien ir-rikavat derivanti mir-reat meta dan mhuwiex faċilment identifikabbli, għaliex neċessarjament irid isir apprezzament fil-meritu mill-Qorti sabiex tasal tistabbilixxi jekk l-ammont li abbażi tiegħu inħareġ l-Ordni kienx wieħed sostnut mill-evidenza jew inkella jekk huwiex minnu illi s-soċjetata imputat għamlet il-qligħ ta' inqas minn ……… <u>Illi fuq kollox prekluża milli tagħmel dan l-apprezzament filmertu, qabel id-determinazzjoni finali tal-każ jew b'xi mod tesprimi ruħha fuq il-fatti esposti quddiemha</u>*" (fol. 6 tad-digriet). Fuq l-istess vena f'parti oħra tad-digriet, reġgħet tenniet, "*Il-Qorti jerġa' jingħad, hija prekluża mill tidħol f'dan l-istadju biex teżamina l-mertu sabiex tqis l-involviment individwali ta' kull imputat f'din l-allegata xibka ta' kriminalita' u teżamina jekk dak allegat mill-Prosekuzzjoni huwiex imsaħħaħ bil-prova fl-atti*".

iii. "*Illi l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta….. jfassal it-test li għandu jkun adoperat mill-Qorti meta tiġi biex toħroġ Ordni ta' Qbid u Ffriżar kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Dak li trid tara din il-Qorti, allura, huwa biss jekk <u>hemmx raġuni valida (u mhux provi validi) sabiex jitwemmen li l-proprjeta indikata mill-Prosekuzzjoni fit-talba tagħha, jew is-somma tal-flus hekk indikata, tistax tkun soġġetta għall-konfiska f'każ ta' sejbien ta' ħtija,u mhux jekk hemmx raġuni valida sabiex jinħareġ l-imsemmi Ordni,</u> billi din il-kwalifika hija marbuta ma' dik il-proprjeta jew somma flus li tindika l-Prosekuzzjoni u mhux mal-ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-Ordni innifsu*"..

iv. "*Fl-ewwel lok, l-eżerċizzju li jrid isir huwa wieħed kemxejn elementari, li huwa differenti minn każ prima facie fejn irid ikun hemm 'a possible case to answer', jew kif jipprovdi it-test Ingliż, 'sufficient grounds for commital'. Dan it-test ma jinneċessitax lanqas investigazzjoni dwar ilpossibilita jew il-probabilita' illi l-każ jirnexxi. Fit-tieni lok, il-Qorti għandha tqis illi kemm jista' jkun iżżomm milli r-rikavat li jista' jkun soġġett għal tali konfiska jkun dissipat jew moħbi…… Finalment ilQorti trid tqis jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwiex ġust illi dan l-Ordni jibqa fuq saqajh, u allura il-Qorti hawnhekk għandha tiżen jekk ilpreġudizzju li jista' jinħoloq għall-persuna mixlija bir-reat jissupperax il-preġudizzju għall-allegat vittmi u għas-soċjeta in ġenerali li jkunu oltraġġati bil-kummissjoni tad-delitt (fol. 8)*".

71. Din il-Qorti ċċitat estensivament biex turi li l-Qorti Kriminali diġà kellha l-okkazjoni li f'digrieti oħra tinterpreta l-liġi u tispjega x'eżerċizzju għandu jsir fil-proċedura taħt l-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Interpretazzjoni li tispetta lill-Qorti ta' kompetenza kriminali.

72. Il-Qorti hi tal-fehma li sabiex isir dak it-tip ta' eżerċizzju limitat, sebat ijiem tax-xogħol jaf ikunu biżżejjed. Però ovvjament kollox ikun jiddependi milli każ li jkollha quddiemha l-Qorti Kriminali, u hi dik il-qorti li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi kemm hemm bżonn żmien sabiex tingħata deċiżjoni. Ovvjament dejjem iżżomm bħala prijorità li hemm bżonn li proċedura ta' dik ix-xorta tiġi deċiża fi żmien raġonevoli, meħud ukoll in konsiderazzjoni l-effett li għandha l-ordni fuq il-persuna kkonċernata.

73. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti mhijiex konvinta li f'dan il-każ is-sebat ijiem tax-xogħol sabiex il-Qorti Kriminali tiddeċiedi r-rikorsi tal-appellanti jiksru l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-Art. 6 tal-Konvenzjoni jew Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

74. Madankollu, jekk il-Qorti Kriminali tapplika b'mod strett it-terminu ta' sebat ijiem xogħol għall-għoti ta' deċiżjoni jaf ikun hemm każijiet fejn il-meritu tal-ilment tal-imputati ma jkunx jista' jiġi eżaminat b'mod sħiħ. Dan jista' jwassal biex ifixkel l-jedd ta' imputat għall-aċċess effettiv lillQorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar ukoll li skont Art. 8 tad-Direttiva 21014/42 dwar l-iffriżar u l-konfiska u l-konfiska ta' mezzi strumentali u rrikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea:

"*1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom iddritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom*".

75. Dan jinkludi l-ordni ta' ffriżar li f'Art. 7 tal-istess direttiva hi waħda mill-miżuri. Dak li jingħad f'Art. 8 tad-direttiva wara kollox jirrifletti dak li jingħad f'Art. 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

76. Il-Qorti żżid li f'każ li l-Qorti Kriminali hi tal-fehma li l-ħtieġa biex jinstemgħu xhieda hi ġenwina u meħtieġa jew għal xi raġuni oħra leġittima għandha bżonn iktar żmien sabiex tiddeċiedi r-rikorsi tal-appellanti, jekk xorta tiddeċiedi r-rikors fit-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol stabbilit mil-liġi, x'aktarx li l-appellanti ma jkunux qegħdin jingħataw smigħ xieraq fil-proċedura għar-revoka tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar u twassal għal interferenza tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li kif osservat il-Qorti Kriminali, l-imputat ma jkollux "jedd għal reviżjoni ulterjuri matul l-imsemmi proċess penali" (ara l-aħħar paragrafu ta' fol. 7 tad-digriet tal-Qorti Kriminali). Dan apparti l-ammonti kbar li għalihom ħarġu l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni. Għalhekk f'dawk il-każijiet biss, ikun floku li l-Qorti Kriminali tieħu ż-żmien li għandha bżonn oltre s-sebat ijiem xogħol li tagħti l-liġi, qabel tiddeċiedi rrikorsi li jkunu saru taħt l-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Żmien li l-Qorti għandha tiżgura li ma jitwalx bla bżonn u li jkun wieħed raġonevoli, u għandha tirreġistra

fl-atti spjegazzjoni ċara għalfejn id-deċiżjoni ma tistax tingħata fit-terminu stabbilit mil-liġi.

14. Din il-Qorti jidhrilha li dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fuq ċitat japplika ugwalment fil-każ li għandha quddiemha llum. Ċertament ma nġiebet ebda raġuni mill-partijiet waqt it-trattazzjoni ta' din ir-riferenza li tista' twassal lil din il-Qorti għal xi konklużjoni diversa. Fil-verità, mit-trattazzjoni irriżulta li l-preokkupazzjoni tal-akkużati Buhagiar aktar tirrigwarda l-pretensjoni tagħhom li l-Ordni kellu jinħareġ wara xi skrutinju tal-provi li jrid isir mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, milli mill-brevità tat-terminu *ut sic*. Però skont id-deċiżjoni fil-każ ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Muscat et***, huma l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li għandhom jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tal-Att u jiddeċiedu jekk hux il-każ li jinstemgħu provi dwar il-ħruġ tal-Ordni. Fuq kollox, dik il-materja tmur ċertament lil'hinn mir-riferenza li ġiet validament magħmula lil din il-Qorti.

15. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti sa fejn huma kompatibbli ma' dak hawn fuq miżmum,

(ii) twieġeb għar-riferenza magħmula lilha billi tgħid li ma jirriżultax li l-artikolu 36(8)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità ma jagħtix rimedju effettiv in kwantu l-perijodu ta' sebat ijiem utili mogħti sabiex jiġi kkunsidrat ir-rikors għar-revoka tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar mill-akkużat ma jidhirx li huwa insuffiċċjenti, b'dan illi din il-Qorti wkoll tistieden lill-Qorti Kriminali sabiex fejn hi tkun tal-fehma li l-ħtieġa biex jinstemgħu xhieda hi ġenwina u meħtieġa jew għal xi raġuni oħra leġittima għandha bżonn iktar żmien sabiex tiddeċiedi r-rikors tal-akkużati Buhagiar, tipproċedi billi tieħu ż-żmien li għandha bżonn oltre s-sebat ijiem tax-xogħol li tagħti l-liġi, b'dan li għandha tiżgura li dak iż-żmien ma jitwalx bla bżonn u li jkun wieħed raġonevoli, u b'dan ukoll li għandha tirreġistra fl-atti spjegazzjoni ċara għalfejn id-deċiżjoni ma tistax tingħata fit-terminu stabbilit mil-liġi;

(iii) L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jitħallsu in kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-intimati, u in kwantu għal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-akkużati Buhagiar.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur